16 ta' Lulju 2008

Ftehim magħmul bejn min naħa l-waħda:

Il-Ministru Austin Gatt bħala Ministru responsabbli mill-Awtorita ta' Malta dwar it-Trasport , il-quddiem magħruf bħala l-"Ministru";

Is-Sur Simon Vella, Chairman ta'l-Awtorita ta' Malta dwar it-Trasport għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess Awtorita kif debitament awtorizzat mil-liġi il-quddiem magħruf bħala l-"Awtorita";

Is-Sur John Bray, President tal-*Malta Hearses Association* għan-nom u in rappreżentanza ta'l-istess Assoċjazzjoni kif debitament awtorizzat mill-istatut ta'l-Assoċjazzjoni il-quddiem magħruf bħala l-"Assoċjazzjoni";

It-tliet partijiet jippremettu kull wieħed individwalment li huma awtorizzati li jidhru fuq din l-iskrittura, li jirrappreżentaw lill-korpi li jgħidu li jirrappreżentaw u li dan il-ftehim jorbot lill-membri u/jew impjegati ta' l-istess korpi/għaqdiet.

Permezz ta' dan il-ftehim il-partijiet qed jaqblu illi:

1. B'mod immedjat l-Assoċjazzjoni qed twaqqaf l-azzjonijiet li ħadet biex ma toffriex servizzi funebri u illi sejra immedjatament terġa tibda toffri dan is-servizz;
2. L-Assoċjazzjoni sejra immedjatament tiriżżenja mill-Federazjoni tat-trasport, għaqda li hi daħlet fiha wara nvit tas-Sur Victor Spiteri;
3. Il-Ministeru jobbliga ruħu li, kif għamel fil-każ ta' setturi ekonomiċi li affrontaw liberalizzazzjoni, ristrutturar jew proċessi oħra, jħallas is-somma ta' €230,000 lill-Assoċjazzjoni sabiex din tkun tista tħejji ruħha biex taffronta l-liberalizzazzjoni tas-suq tas-servizzi tal-*"Hearses"*;
4. L-Assoċjazzjoni tiddikjara li hi taqbel mal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-*"Hearses"*;
5. L-Awtorita tintrabat li għal perjodu ta' għaxar (10) snin ma tippermettix ir-reġistrazzjoni f'Malta ta' *"Hearses"* li jkunu *"second Hand"*;
6. Il-partijiet kollha jiddikjaraw illi ma għandhomx aktar tilwim bejniethom u li għalhekk jirtiraw b'mod immedjat u mingħajr kundizzjonijiet kull azzjoni – legali u ma hix – li huma jew il-membri tagħhom għandhom kontra xulxin.

**Austin Gatt** | **Simon Vella** | **John Bray**